**<u>Minuti tal-Laqgħa nru 22 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2008.</u>**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 p.m.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.45 p.m. | 10.30 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.55 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.45 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | Imsiefra |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.48 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Preżenti ukoll għall-laqgħa kien hemm il-Perit Konsulent tal-Kunsill Maurice Galea.

1 **Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku qal li xtaq iwassal is-solidarjeta u l-kondoljanzi tiegħu u tal-Kunsill kollu lill-familja tal-Membru Parlamentari Dr. Karl Chircop li Alla għoġbu jsejjaħlu kmieni dan ix-xahar.**

2. Billi kien preżenti l-Perit M. Galea intalab li ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-laqgħa tiddiskuti l-agenda item No 6 u wara titkompla l-laqgħa bl-agenda kif komunikata. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan.

**2.1 Agenda Item No 6 - Tender Adjudication Report – Hope Street/Parish Street u Kurat Schembri Street**

Inqara r-rapport u l-Perit Maurice Galea spjega ż-żewġ rapporti li huwa kien għamel lill-Kumitat tal-Kuntratti.

Ġie issuġġerit li jsiru 'culverts' għall-ilma tax-xita. Intqal li dawn jistgħu jiġu jiswew €75,000 u wieħed irid jiftakar li dan il-proġett ser isir mill-fondi tal-UIF tal-MEPA. Ma kienx hemm flus biżżejjed għal dawn il-culverts. Xorta waħda ġie deċiż li tintalab stima mingħand il-kuntrattur qabel jibda dan ix-xogħol u din tiġi għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

Ġie maqbul unanimament li kif propost mill-Kumitat tal-Kuntratti it-tender tax-xogħol jingħata lill-Bonnici Brothers Ltd.

Ġie deċiż li ssir il-laqgħa ta' Public Consultation mar-residenti ta' dawn it-toroq nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2008 fis-Sala tal-Komunita fejn jiġi spjegat il-proġett. Il-Periti u l-Kuntrattur għandhom jiġu mitluba jattendu.

## 3.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 21 (3 ta' Ottubru 2008)

Billi l-minuti kienu ġew iċċirkulati qabel dawn ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati mingħajr l-ebda korrezzjoni.

## 4.0 Tagħrif mill-Minuti

Ma kienx hemm punti x'jiġu diskussi.

## 5.0 Korrispondenza

Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa għandu ħafna korrispondenza pendenti iżda li fil-laqgħat tal-Kunsill ma hux ikun hemm biżżejjed ħin biex jiġu diskussa kollha u għalhekk huwa kien ser jipprova jressaq il-korrispondenza skond kemm jippermetti l-ħin u skond kemm il-kunsilliera kienu lesti jittrattaw minnhom.

5.1 Ittra mingħand Ray Muscat dwar il-kundizzjoni ta' Triq il-Fortizza fejn talab li jsir resurfacing u jitwaqqaf traffiku ta trakkijiet u inġenji tqal milli jgħaddu minn din it-triq sabiex ma ssirx aktar ħsara. Saret diskussjoni fejn intqal li suppost kellha tinfetaħ triq għall-fuq in-naħa ta' Vjal il-Qalbiena Mostin sabiex din tintuża bħala service road għat-trakkijiet u inġenji tqal. Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan.

5.2 Ittra mingħand Din L-Art Helwa sabiex tiġġedded il-membership f'din l-entita mhux governattiva. Ġie approvat li jsir pagament ta €35 għall- 2007/2008.

5.3 Ittra mill-Kor Shalom – Oratorju Marija Immakulta Mosta. Ġiet approvata donazzjoni ta' Lm 50 – (Euro 116.47) bħala kontribuzzjoni għal spejjes ta CD b'għanjiet tradizzjonali tal-Milied.

5.4 Ittra mingħand il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Grawnd fl-Iskola Lily of the Valley- Mosta sabiex il-Kunsill japprova sett ta' regolamenti għat-tmexxija tal-grawnd. Inqraw ir-regolamenti waħda waħda u dawn ġew spjegati mill-Kunsillier Chris Grech li huwa membru fuq il-kumitat tat-tmexxija. Ġew approvati dawn ir-regolamenti u ntqal li dan il-ground għandu jkun aċċessibli anke għall min mhux Mosti. Ġie approvat wkoll li l-Kunsillier Pawlu Agius jieħu post is-Sinjorina Kirby Fenech fuq dan il-kumitat. Is-Sur Paul Agius offra li jkun responsabbli hu sabiex jiftaħ u jagħlaq il-ground tal-Lily of the Valley skond il-booking u l-bżonn li jkun hemm.

5.5 Talba mill-Perit Etienne Magri sabiex terġa issir applikazzjoni lill MEPA għall-permess tal-latrina tal-handikappati bill din inbniet mhux skond il-permess oriġinali li issa kien skada. Din ġiet approvata u ġie awtorizzat il-pagament meħtieġ għall din l-applikazzjoni.

5.6 Talba oħra sabiex isir applikazzjoni lill-MEPA għat-tkomplija tal-Ġnien Reggie Cilia u jsiru bankijiet f'forma ta' taraġ quddiem il-pitch tal-boċċi ġiet ukoll approvata.

5.7 Ittra uffiċjali bil-qorti mingħand tal-General Co Ltd dwar bilanċ dovut fuq ix-xogħol tal-Pjazza Rotunda u telefonati mingħand id-direttur ta' din il-kumpanija is-Sur Karmenu Spiteri li ser jagħmel sekwestru fuq l-uffiċini tal-Kunsill ġew diskussi. Is-Segretarju ġie ordnat jagħmel pressjoni fuq l-avukat tal-Kunsill sabiex jitlesta r-rapport tal-konsulenti legali u jerġa jitlaqqa l-kumitat ad hoc sabiex tiġi riżolta din il-kwistjoni.

5.8 Inqrat risposta mingħand is-Sinjura Audrey Testaferrata de Noto tal-ADT dwar sign u bollards fil-pjazza 16 ta' Settembru mpoġġija minn Exalco Co Ltd u li huwa ta' periklu għall-pubbliku u traffiku. Ir-risposta tgħid li dawn ma ġewx implimentati mit-TMU tal-ADT u għallhekk Exalco (Cornerstone Complex) seta jintalab jneħħihom. Is-Segretarju ntalab jikteb lill Exalco Co Ltd sabiex jneħħi dan is-sign u il-bollards perikoluzżi u jiġi diskuss post ieħor għas-sign meħtieġ.

5.9 Inqrat ittra oħra mingħand l-Exalco Group u Ray Attard, Chief Executive Officer tal-ADT, sabiex il-Kunsill jara li ma jiġix ingumbrat il-passaġġ ta' għaxar piedi ta' maġenb il-kumpless Cornerstone meta jintrama l-monti nhar ta' Tnejn. Il-Kunsill qal li bħalma ġie deċiż drabi oħra din hi kwistjoni tal-pulizija li jaraw li ma tinkisirx il-liġi u dan l-ispazju jibqa ħieles minn kull ingombru.

5.10 Applikazzjoni għall reklamar fit-toroq ġiet irrifjutata. Is-Segretarju ġie ordnat jqabbad lill handymen sabiex jneħħu kull tabella u sinjali ta' reklami fit-toroq tal-Mosta. Dawn ma għadhomx il-permess tal-Kunsill u dawk il-permessi li qabel kien ingħataw issa m'għadhomx jitħallsu u għalhekk għandhom jitneħħew.

5.11 Ittra dwar periklu min rampa ta' garage fi Triq Callus proprjeta tas-Sur Joseph Lia. Is-segretarju għandhu jikteb lis-Sur Lia sabiex jneħħi din ir-rampa u fin-nuqqas jittieħdu il-passi kollha li hemm bżonn.

5.12 Żewġ ittri għall-tiżjin tal-Milied fl-area ta' Santa Margerita u fl-area ta' Mlit . Il-Kunsillier Chris Grech ġie inkarigat li jikkonsidra dawn it-talbiet fuq l-istess bażi li jsir it-tiżjin fil-Pjazza Rotunda u l-madwar, il-Perit Grech ġie inkarigat jorganizza t-tiżjin tal-Milied għall din is-sena billi jinħareġ tender u l-ispiża tinqasam nofs bin-nofs bejn il-Kunsill u tal-ħwienet involuti

5.13 Ġiet innotata korrispondenza ta' Edwin Bonavia fejn qal li ftit li xejn sab rispons minn Mostin f'San Francisco għal-kontribuzjonijiet finanzjarji għall-monument tal-Pjazza li għandu ħsieb jagħmel il-Kunsill. Is-Sur Bonavia talab jkun jaf jekk hemmx xi time line għat-twaqqif ta' dan il-monument. Is-Segretarju ġie mitlub jirrispondi li l-ħsieb kien li dan jitwaqqaf fi zmien 12 jew 15 il-xahar.

5.14 Is-Sur Charles Abela kiteb f'isem il-kumitat tat-tmexxija tal-Grawnd tal-Lgħajba fejn wera l-gravita tas-sitwazzjoni f'dan il-grawnd. Huwa qal li hemm kontijiet pendenti ta' madwar €12,000 mal-Enemalta u li dawn qed jheddu li jissospendu l-provista tal-elettriku tal-kumpless. Fl-istess ħin il-kondizzjoni ħażina tat-turf ta' dan il-grawnd li bilfors irid jinbidel għax kien ta periklu għat-tfal li jilgħabu fuqu.

Il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni u fil-waqt li ħatar lill-Kunsillier Mario Sammut sabiex jissostitwixxi lis-Sinjorina Kirby Fenech fuq dan il-kumitat is-Sur Sammut ġie inkarigat iġib stimi u pariri dwar it-turf tal-ground u jirraporta lura lill-Kunsill.

Dwar il-kwistjoni tal-kont tal-elettriku, is-Sindku qal li kien ser jkellem lil-Ministru responsabbli mill-isports sabiex jara x'jista jsir billi l-Kunsill ma kienx f'pozizzjoni li jħallas dawn il-kontijiet. Ġie nnotat ukoll li kellhom jitwaħħlu arloġġi separati sabiex il-ground prinċipali (tal-Mosta Football Club) u l-bar jħallsu għall-konsum huma u mhux kollox irid jitħallas mill-ġbir tal-flus mill-logħob tal-

ground tal-5 a side għax dan ma kienx sostenibbli. L-item No 10 tal-agenda ġiet għalhekk eżawrita f'dan l-istadju.

5.15 Talba għall-għotja ta' €66 għall xiri ta' Recognition Award għall-Miss Mosta ġiet approvata.

5.16 Ittra mingħand l-avukat Ian Spiteri Bailey LLD għan-nom ta' Reuben Buhagiar bi proposta sabiex jiġu rritornati ċ-ċwievet tal-post fiż-Żokrija bil-kundizzjoni li jinħafer id-dejn tal-club u li l-Kunsill jieħu lura l-pussess tal-post bl-attrezzi kollha li l-Melita Cycling Club kienu għamlu fih ġiet aċċettata.
Item No 11 tal-Agenda ġiet għalhekk eżawrita f'dan l-istadju.

Billi sar ħafna ħin u kien baqa agenda twila is-segretarju ġie mitlub jħalli l-korrispondenza l-oħra pendenti għal darba oħra.

## 6.0 Materji Finanzjarji

Ġew approvati unanimament listi ta' pagamenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Lista ta Petty Cash tal-Lulju 2008 | - | €152.34 |
| Lista ta Petty Cash ta' Awissu 2008 | - | €188.94 |
| Lista ta' pagamenti Urġenti għall Perjodu 24/7/2008 sa 26/9/2008 | - | €76,489.12 |
| Lista ta' pagamenti | - | €7,116.08 |
| Lista ta' pagamenti | - | €71,486.04 |

Dawn il-listi ta pagamenti kienu preparati għall-laqgħat ta qabel iżda qatt ma kienu ġew approvati għaliex qatt ma kien hemm ħin jiġu diskussi.

## 7.0 Ġieħ il-Mosta

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda n-nominazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għall għoti ta' Ġieħ il-Mosta. Is-Sindku staqsa jekk dawn kienux kollha daħlu fil-ħin stipulat. Is-Segretarju irrisponda li huwa kien informa diġa lis-Sindku li waħda minn dawn (dik ta' Joseph Gatt) kienet daħlet 24 siegħa tard.

F'dan il-ħin is-Sur Joe De Martino qal li huwa ma kienx jaf li ħarġu l-applikazzjonijiet u għalhekk huwa kien ser jinsisti li jipproponi wkoll lill-mejjet George Mifsud Chircop għall dan l-unur.

Ġie deċiż li dawn iż-żewġ nominazzjonijiet jiġu t-tnejn aċċettati.

Ġie deċiż li jingħataw 4 unuri bħas-sena l-oħra u għalhekk saret votazzjoni. Billi xi uħud mill-Kunsilliera talbu għall-votazzjoni sigrieta din saret b'mod sigriet. Ġie deċiż ukoll li biex jingħata l-unur irid ikun hemm maġġoranza ta 50% + 1 tal-voti. Wieħed seta jivvota biss għal 4 persuni. Saret il-votazzjoni. Wieħed mill-voti kien invalidu. Ir-riżultat kien kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

| | | |
|---|---|---|
| Marvic Camilleri | 5 voti | Onorata |
| Victor Grech | 5 voti | Onorat |
| Salvu F. Borg | NIL | |
| Victor Zammit | 2 voti | |
| Joseph Gatt | 3 voti | |
| Susan Mulvaney Sacco | 3 voti | |
| David Zammit | 7 voti | Onorat |
| George Mifsud Chircop | 3 voti | |
| Total | 28 | |

Għalhekk is-Sinjuri Marvic Camilleri, il-mejjet Victor Grech, u David Zammit ġew eletti għall-unur ta' Ġieħ il-Mosta. Id-data ta' jum il-Mosta ġiet deċiża li ssir fl-1 ta' Novembru u l-budget ġie deċiż li jkun ta madwar €1,200.

## 8.0 Impjieg tal-Handyman

Is-Sindku qal li huma kien qed jipproponi li jinxtara van għall użu tal-Handyman Marco Briffa. Il-kunsilliera kollha preżenti opponew għall dan billi qalu li ma kienx hemm bżonn ta' van ieħor ma dak li hu mħallas għalih il-handyman Philip Azzopardi . Dan kien biżżejjed għall-bżonnijiet tal-Kunsill. Barra minhekk huma fakkru lis-Sindku li kien għadu kemm irrifjuta jħallas il-kont tad-dawl tal-grawnd tal-logħob tat-tfal billi ma kienx hemm biżżejjed flus u għalhekk ma jarawx kif ried jonfoq flus fuq van ieħor. Il-proposta ma għaddietx.

Hawn il-Kunsillier Chris Grech qal li huwa kellu rapport li l-handyman ~~il-ġdid, is-Sur Marco Briffa~~ ma kienx qed jgħamel xogħlu sew għax xi spralli li tqabbad jnaddaf ma sarux kif suppost. Hawn kien hemm intervent mill-istess Marco Briffa li kien fost il-pubbliku biex jipprova jikkontradixxi dak li qal il-Kunsillier Grech. Is-Sindku intalab isikket dan l-intervent illegali tas-Sur Briffa. Għall darba oħra is-Sur Briffa beda jintervjeni meta s-Segretarju ikkonferma ir-rapport li kellu l-Perit Grech.

deleted

Inqala storbju sħiħ fil-kamra u saru ukoll xi akkużi mis-Sindku li s-segretarju kien qed jippreferi handyman minn ieħor. Is-Segretarju iddefenda ruħu billi qal li huwa ma kienx sodisfatt bil-performance tas-Sur Briffa u kien anke informa b'dan lill-istess Briffa. Huwa qal li kien ta' bilfors li kellu jqabbad x-xogħol u l-qadi li jkun hemm bżonn lill min kien kapaċi f'xogħlu u meta jasal iż-żmien kien lest jagħmel ir-rapport tiegħu fuq l-impjegati u l-kuntratturi kollha tal-Kunsill skond kif jħoss li hu ġust. Huwa qal li bħala segretarju dejjem kien mfaħħar minn kulħadd għall-abilita tiegħu u ma jistax jifhem kif issa f'daqqa waħda kien qed jiġi akkużat b'dan il-mod.

L-interventi tas-Sur Briffa miż-żona tal-pubbliku baqaw għaddejjin bla ma dan ġie mwaqqaf mis-Sindku.

## 9.0 Ħwejjeġ oħra

Billi kien sar il-ħin ġie mitlub li taħt ħwejjeg oħra jiġi dikuss it-tibdil fis-sistema tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsillier Pawlu Agius esebixxa avviż li kien ser jiġi mqassam lir-residenti kollha li fih javża li l-ġbir ser jibda jsir filgħaxija. Ħadd ma oġġezzjona.

Items 12 ma ġietx diskussa filwaqt li items 7 u 8 ġew diskussi u deċiżi bħala parti mill-korrispondenza.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |